MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 858/2006

**Saviour u Louise konjugi Grech detenturi tal-karta ta' l-Identita` bin-numru 170563(M) u 400165(M) rispettivament f'isimhom propju u bhala rapprezentanti ta' binthom minuri Christie Grech.**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Saviour u Louise konjugi Grech *proprio et nomine* datat 25 ta' Settembru 2006 u pprezentat quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi r-rikorrenti, li jirrisjedu gewwa 76, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba kienu zzewgu nhar il-hamsa ta'

Novembru 1988 (Dok "A"), u frott ta' din ir-relazzjoni twelditilhom il-minuri Christie Grech nhar il-hmistax ta' Gunju tas-sena 1991 (Dok "B");

Illi meta l-genituri gew biex jirregistraw it-twelid ta' binthom minuri fir-Registru Pubbliku isimha bi zvista gie jaqra CHRISTIE**,** Frida, Kathleen Grech minflok CHIRSTIE, Frida, Kathleen Grech u dan anke skond ma jindika l-estratt tat-twelid li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 3064/1991 (Dok "B");

Illi fil-fatt, il-minuri in dizamina, kienet giet mghammda gewwa l-Parrocca ta' l-Imqabba bl-isem ta' Chirstie, Frida Kathleen Grech nhar it-30 ta' Gunju 1991;

Illi peress illi r-rikorrenti ma kinux konxji ta' l-izball fl-att tat-twelid ta' binthom, huma dejjem sejhulha Chirstie Frida Kathleen, u mhux Christie Frida Kathleen;

Illi peress illi lanqas il-minuri ma kienet konxja ta' l-izball fl-estratt tat-twelid taghha hija dejjem hasbet u ddikjarat li isimha kien Chirstie Frida Kathleen, u kemm shaba ta' l-iskola, l-ghalliema u anke konoxxenzi ohra sal-gurnata tallum jafuha bhala Chirstie Frida Kathleen;

Illi kien ricentement u *cioe`* meta l-minuri riedet tapplika ghal passaport, u ghaldaqstant kien hemm bzonn ta' certifikat tat-twelid tal-minuri mir-Registru Pubbliku, illi gie skopert illi isimha jaqra CHRISTIE Frida Kathleen, u mhux CHIRSTIE Frida Kathleen;

Illi l-minuri wkoll tixtieq illi l-izball li kien sar fl-estratt tat-twelid taghha jigi ratifikat u emendat sabiex jaqra Chirstie, Frida, Kathleen Grech minflok Christie, Frida, Kathleen Grech;

Illi l-emenda fl-isem tal-minuri mhux ser jiskatta riperkussjonijiet jew konsegwenzi ghal jew versu terzi;

Ghaldaqstant u *in vista* tas-suespost, ir-rikorrenti f'isimhom propju u f'isem binthom minuri Christie, Frida,

Kathleen Grech jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tordna illi isem il-minuri jigi emendat fis-sens illi jibda jaqra Chirstie, Frida, Kathleen Grech minflok Christie, Frida, Kathleen Grech;

2. Tordna li jsiru l-konsegwenzjali korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta' l-istess Numru 3064 tas-sena 1991 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti u d-dokumenti esebiti li qeghdin a fol. 3 tal-process li huma Dok "A" – estratt taz-zwieg tar-rikorrenti; Dok "B" – estratt tat-twelid tal-minuri Christie Grech; Dok "C" – kopja tac-certifikat tal-maghmudija tal-minuri Christie Grech mahrug mill-Parrocca ta' l-Imqabba; Dok "D" – affidavit ta' Saviour Grech; Dok "E" – affidavit ta' Louise Grech; u Dok "F" – affidavit ta' Christie Grech.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat nhar is-17 ta' Ottubru 2006 ghas-smiegh minn din il-Qorti hekk presjeduta ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006 kif jidher a fol. 11 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 28 ta' Novembru 2006 a fol. 17 tal-process fejn espona:-

1. Illi l-esponenti fil-mertu mhux edott mill-fatti u ghalhekk jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-**artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid tat-tifla tar-rikorrenti Saviour u Louise konjugi Grech m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjes ta' l-istanti illi ma jirrizultax li sar zball min-

naha tieghu. Fil-fatt id-dikjarazzjoni fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni li kien ir-rikorrenti stess Saviour Grech kien obbligat li jivverifika illi l-informazzjoni li ddikjara u ffirma ghaliha kienet korrettta.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-intimat u d-dokument anness li huwa kopja awtentika ta' l-Att tat-twelid 3064/1991 u qieghed immarkat bhala Dok. "A" kif jidher a fol. 19 tal-process.

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006 fejn il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-atturi bhala rappresentanti u genituri ta' binthom l-attrici Chirstie, Frida, Kathleen Grech li twieldet fil-15 ta' Gunju 1991 qed jghidu li hemm zball fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess binthom Numru 3064/1991 u dan fis-sens li fil-kolonna fejn hemm indikat "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" u ghalhekk fil-kaxxa apposita fuq il-lemin tac-certifikat tat-twelid imsemmi mahrug mill-konvenut, l-istess "Chirstie, Frida, Kathleen" hija ndikata li hija maghrufa bhala "Christie, Frida, Kathleen" u mhux "Chirstie, Frida, Kathleen" meta huma mill-ewwel riedu li l-istess binthom tkun maghrufa bl-isem ta' Chirstie, Frida, Kathleen. Fil-fatt jghidu li hekk kien intenzjonat li jigi registrat u wkoll li minn

dakinhar tat-twelid sallum l-istess bint Saviour u Louise konjugi Grech, kienet dejjem maghrufa bhala u bl-isem ta' "Chirstie, Frida, Kathleen", kif jinsab ukoll ikkonfermat mid-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici.

Illi dan kollu gie kkonfermat mix-xhieda bl-affidavit ta' l-istess atturi u wkoll mid-dokumenti kollha esebiti; u minn dan kollu jidher li fil-fatt isem bint il-konjugi Grech huwa "Chirstie, Frida, Kathleen Grech" u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tordna illi isem il-minuri jigi emendat fis-sens illi jibda jaqra Chirstie, Frida, Kathleen Grech minflok Christie, Frida, Kathleen Grech;

2. Tordna li jsiru l-konsegwenzjali korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta' l-istess Numru 3064 tas-sena 1991 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan li fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri taht il-kolonna "Ismijiet moghtijin" issir s-sostituzzjoni ndikata ta' l-isem "Christie" ghal dak ta' "Chirstie" kif hawn indikat u jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex dan jigi rifless fl-istess Att ta' Twelid ta' l-istess persuna li twieldet fil-15 ta' Gunju 1991 u dan kollox skond il-ligi.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* **ta' l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjoni tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap ta’ l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess atturi fil-kwalita’ taghhom premessa, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------